MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Numru 164/2015

**SPETTUR FRANK SAMMUT**

**VS**

**KENNETH CASSAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Kenneth Cassar ta' 33 sena, bin John u Josephine nee' Bugeja, mwieled Pieta' fit- 2 ta' Ottubru 1980, residenti BLK 1 Ent C Flt 4, Triq l-Ghassies, Marsaskala u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 470480M;

Talli;

1) fis- 7 ta' Lulju 2014 ghal habta tas- 7.00pm jew fil-perjodu ta' qabel din id-data, waqt li kien fl-inhawi tal-Fgura u jew f' dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' cheque book mahrug mill- Banif Bank, ghad-dannu ta' Anita Magro detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-numru 94984M liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-persuna u xorta tal-haga misruqa;

2) fl-istess perjodu ikkommeta serq bl-istess cheque book ta' aktar minn €232.97 izda inqas minn €2329.37 ghad- dannu ta' Anita Magro u l-bank kummercjali Banif Bank, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u x- xorta tal- haga misruqa;

3) aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien f' dawn il- gzejjer ghamel falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halaq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jwe helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il- partijiet, disposizzjonijiet, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, li dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom ghad- dannu ta' diversi persuni u l-bank kummercjali Banif Bank;

4) aktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien f’ dawn il-gzejjer xjentament ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza ghad- dannu ta’ Anita Magro detentrici tal- Karta tal- Identita’ 94984M u l- bank kummercjali Banif Bank;

5) aktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien f’ dawn il- gzejjer b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intrapizi foloz jwe ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ta’ aktar minn €500 izda inqas minn €5,000 bi hsara ta’ Anita Magro detentrici tal-Karta tal-Identiat’ 94984M u l- bank Kummercjali Banif Bank;

6) aktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien f’ dawn il- gzejer iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jisat’ jircievi bihom hlas jew jiehu kunsinna ta’ oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku, jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf b’ xi att pubbliku tal- gvern;

7) aktar talli fl-istess perjodu ta’ zmien f’ dawn il- gzejjer ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjetnament ghamel uzu minn dokument falsifikat u cioe’ cheque book mahruga minn awtorita’ pubblika ghad-dannu ta’ Anita Magro detentrici tal- Karta tal- Identita’ 94984M u l-bank kummercjali Banif Bank;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 263(a), 267, 271(g), 279(a), 183, 184, 308, 310 1 (b), 167 (1), 189 u 325 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah piena ta’ sena prigunerija sospizi ghal tlitt (3) snin taht supervizjoni ai terminu tal- Art 28G tal- Kap 9.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ hames mitt ewro (€500) lil Anita Magro fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------